# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, 22 ta' Settembru, 2023**

**Rik. Nru. 1446/23JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1446/23 fl-ismijiet:

Dr Malcolm **VELLA**

vs

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA;** Segretarju Permanenti għall-Ministeru għas-Saħħa; Direttur-Ġenerali (*People Management*); u l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta' Awwissu, 2023, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli "jippubblikaw, iniedu, jibdew jew b'xi mod jagħtu effett għal xi sejħa għall-applikazzjonijiet għal "*Pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku Newroxjenza fid-Dipartiment tan-Newroxjenza, l-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa*" jew xi kariga oħra sostantivament identika u dan minflok jew in sostituzzjoni tas-sejħa

għall-applikazzjonijiet għall-istess kariga pubblikata b'avviż fil-Gażżetta tal-Gvern tal-25 ta' Novembru 2022";

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Awwissu, 2023[1], li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tad-29 ta' Awwissu, 2023;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissjoni intimata fis-17 ta' Awwissu, 2023, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħet għat-talba tar-rikorrent billi qalet li mhijiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt, billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub. Hija tgħid li s-sejħa u l-għażla tal-kandidat kienet, b'rieda tal-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni, delegata lill-Ministeru intimat u li hi, bħala regolatur, la ħarġet u lanqas tista' toħroġ sejħat għall-mili tal-karigi msemmija mir-rikorrent. Meta fl-24 ta' Lulju, 2023, ittieħdet id-deċiżjoni li s-sejħa titħassar, dan sar fuq talba tad-Direttur-Ġenerali intimata wara rakkomandazzjoni f'dan ir-rigward mill-Bord *Fact Finding* li twaqqaf wara l-allegazzjonijiet li saru mir-rikorrent u tobba oħrajn, u b'ħarsien tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 2 u 10 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet[2]. Fuq kollox, għall-għanijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, minħabba li s-setgħat tagħha fil-każ ta' din il-ħatra kienu delegati lill-Ministeru intimat, hija ma tista' bl-ebda mod tikkonferma quddiem din il-Qorti li hija kien fi ħsiebha twettaq il-ħaġa li r-rikorrent qiegħed jitlob li tinżamm (jiġifieri, t-tnedija u l-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-mili tal-kariga) bil-ħruġ tal-Mandat. Għalhekk, jonqos element ewlieni fil-liġi biex il-Mandat jista' jinħareġ kontra tagħha;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Segretarju Permanenti, Ministeru tas-Saħħa u Direttur-Ġenerali fit-18 ta' Awwissu, 2023, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għat-talba tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qalu li l-Ministeru u d-Direttur-Ġenerali ddaħħlu f'dawn il-proċeduri għalxejn, għaliex is-setgħa li jinħarġu sejħat għal applikazzjoni fi ħdan il-Ministeru taqa' biss fis-Segretarju Permanenti intimata. Madankollu, fil-mertu, huma wkoll qalu li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat u taw sensiela ta' argumenti u ċitazzjonijiet minn provvedimenti tal-qrati biex isaħħu din il-fehma;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-intimati, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, magħmula waqt is-smigħ tad-29 ta' Awwissu, 2023;

[1] Paġ. 4 tal-atti
[2] A.L. 333/2016 (L.S. Kost.05)

Semgħet lix-xhieda mressqa mill-partijiet u x-xiehda tal-istess rikorrent;

Semgħet is-sottomissjonijiet estensivi tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Settembru, 2023, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li ma tinħariġx sejħa pubblika ġdida għal proċess ta' għażla għall-mili ta' post ta' *Chairperson kliniku Newroxjenza* fid-Dipartiment tan-Newroxjenza fl-Isptar *Mater Dei*. Huwa jgħid li t-twaqqif jew tħassir tal-ewwel sejħa ma sarx sewwa u sar bi ksur tal-liġi;

Tqis li r-rikorrent huwa konsulent newrologu speċjalizzat għal bosta snin u konsulent fl-Isptar *Mater Dei* għal dawn l-aħħar disa' (9) snin fit-Taqsima tan-newroloġija [3];

Tqis li b'ċirkolari maħruġa f'Novembru tal-2022 (u mxandra fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-25 ta' Novembru[4] ta' dik is-sena)[5], il-Ministeru tas-Saħħa ħareġ sejħa pubblika għall-mili ta' kariga ta' *Chairperson Neurosciences* fi ħdan id-Dipartiment tan-Newroloġija fl-Isptar *Mater Dei*, (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Isptar") u li fiha fisser il-kundizzjonijiet tal-ħatra (għal żmien fiss ta' ħames snin) u r-rekwiżiti mitluba minn dawk li japplikaw;

Tqis li r-rikorrent kien wieħed minn tliet (3) persuni li, sad-data tal-għeluq tat-12 ta' Diċembru, 2022, ressqu applikazzjoni, imma li waħda minnhom saret minn persuna li ma kinitx eliġibbli;

Tqis li l-persuna li kellha l-kariga msemmija kien ilha maħtura f'dak il-post mit-28 ta' Awwissu, 2012, u kellha ttemm il-ħatra fil-31 ta' Jannar, 2023. Imma, b'ittra tas-16 ta' Jannar, 2023, dik il-ħatra ttawlet "*until appointment is given through the published call*" taħt l-istess kundizzjonijiet li kienu ngħatawlha meta nħatret. Dik il-persuna kienet ukoll waħda mill-persuni li tefgħu l-

[3] Xhieda tiegħu f'paġ. 66 tal-atti
[4] Ħarġa 20,965 f'paġġ. 15938 sa 15945
[5] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 8 tal-atti

applikazzjoni tagħhom fis-sejħa li saret f'Novembru, minkejja li kienet ilha tgħid li kienet tgħodd il-jiem li fadlilha sat-tmiem tal-ħatra tagħha[6];

Tqis fit-23 ta' Jannar, 2023[7], numru ta' konsulenti newrologi fit-Taqsima tan-Newroloġija fl-Isptar bagħtu ittra lil uffiċjali fit-tmexxija tal-Isptar li fiha saħqu dwar il-ħtieġa li titfassal viżjoni dipartimentali għas-snin li ġejjin u dwar tħaddim aħjar tar-riżorsi u s-servizzi dipartimentali. Inżammu laqgħat biex jinstemgħu l-istess konsulenti u persuni mdaħħla fit-tmexxija tal-Isptar u tad-Dipartiment partikolari;

Tqis li fit-23 ta' Frar, 2023[8], ir-rikorrent bagħat ittra elettronika lis-*CEO* tal-Isptar b'sensiela ta' lmenti dwar il-mod kif kien qiegħed jitmexxa d-Dipartiment tan-Newroloġija fl-Isptar, u b'xiljiet ta' mġiba mhux xierqa, fosthom "*bullying*" u fastidju ("*harassment*")[9] mill-istess *Chairperson* inkombenti;

Tqis li malli s-*CEO* waslitilha l-imsemmija ittra dehrilha li kellu jitwaqqaf Bord biex jitkixxef dwar ix-xiljiet magħmula (*Fact Finding Board* – minn issa 'l hemm imsejjaħ "FFB")[10]. Il-FFB twaqqaf mis-Segretarju Permanenti intimata f'April tal-2023;

Tqis li, sa dakinhar li twaqqaf il-FFB, ma kien għadu sar xejn fil-proċess tas-sejħa li saret f'Novembru tal-2022. Il-Bord magħżul ma kienx għadu bagħat għal dawk li wieġbu għas-sejħa;

Tqis li l-FFB ressaq ir-rapport tiegħu fil-15 ta' Mejju, 2023, u, fost ħwejjeġ oħra, irrakkomanda li, fid-dawl tal-fatt li l-Bord tal-Għażla ma kien għadu laħaq għamel xejn biex jitmexxa l-proċess tas-sejħa u kif ukoll fid-dawl tal-fatti li dwarhom kien twaqqaf l-istess FFB, il-Ministeru intimat kellu jikkunsidra jekk għandux jitlob lill-Kummissjoni intimata "sabiex il-proċess tal-għażla jiġi rexiss u li toħroġ sejħa oħra mill-ġdid fi żmien sitt xhur b'kundizzjonijiet dwar l-eliġibilità mibdula u li jiġi żgurat li l-persuni li kienu involuti f'dan il-każ ma jkunux responsabbli mill-għażla";

Tqis li fl-24 ta' Lulju, 2023[11], id-Direttur-Ġenerali intimata bagħtet titlob lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni intimata tapprova r-rexxissjoni tas-sejħa kif rakkomandat mill-FFB biex b'hekk tkun tista' toħroġ sejħa oħra minflokha "ġimgħa wara". Il-Kummissjoni laqgħet dik it-talba tlitt (3) ijiem wara li saritilha t-talba mill-intimata Direttur-Ġenerali[12];

---

6 Xhieda tar-rikorrent f'paġġ. 67 – 8 tal-atti
7 Dok "MVA", f'paġ. 83 tal-atti
8 Dok "MVB", f'paġġ. 85 – 6 tal-atti
9 Xhieda ta' Celia Falzon f'paġġ. 79 – 80 tal-atti
10 *Ibid.* f'paġ. 81 tal-atti
11 Dok "PSC2", f'paġġ. 37 – 8 tal-atti
12 Dok "MH1", f'paġġ. 57 – 8 tal-atti

Tqis li b'avviż li twassal lir-rikorrent fl-4 ta' Awwissu, 2023, il-Ministeru intimat għarraf li kien qiegħed jirtira s-sejħa li saret fil-25 ta' Novembru, 2022, għall-mili tal-kariga hemm imsemmija u li s-sejħa kellha terġa' tinħareġ fil-ħarġa tal-Gażżetta tat-18 ta' Awwissu, 2023;

Tqis li l-għan tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub huwa dak li, sa ma jikkontesta d-deċiżjoni tar-rexxissjoni tas-sejħa għall-mili ta' karigi li nħarġet f'Novembru tal-2022, ma terġax tinħareġ sejħa ġdida għal applikazzjonijiet għall-mili tal-istess kariga mertu tas-sejħa irtirata jew li tali sejħa ġdida titmexxa 'l quddiem;

Tqis li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-Mandat[13];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[14]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[15];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[16]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jista' jġiblu ħsara li ma titneħħiex mod ieħor. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun

[13] Art. 873(1) tal-Kap 12
[14] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[15] Art. 875(3) tal-Kap 12
[16] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorità pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[17] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li safejn it-talba għall-ħruġ tal-Mandat tirrigwarda lill-Kummissjoni intimata, u minħabba l-kjarifika li hija għamlet li dwar din is-sejħa ma kellha l-ebda sehem u lanqas ma għandha sehem f'każ li tinħareġ xi sejħa oħra li r-rikorrent irid iżomm, dan ir-rekwiżit għall-ħruġ tal-Mandat ma huwiex sodisfatt. Il-Kummissjoni ma hijiex f'qagħda li tiddikjara li kienet imdaħħla jew għandha l-ħsieb li tniedi sejħa għall-mili tal-kariga, ladarba s-setgħa għal sejħa bħal dik tinsab delegata lis-Segretarju Permanenti intimata;

Tqis, għalhekk, li t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat ma tistax tintlaqa' safejn magħmula kontra l-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku;

Tqis, madankollu li, fir-rigward tal-intimati l-oħrajn, l-element fejn ikun dikjarat mill-awtorità li tkun li l-għemil li l-Mandat irid iwaqqaf kien hemm il-ħsieb li jitwettaq, f'dan il-każ jinsab sodisfatt. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tilqa' l-"eċċezzjoni preliminari" mqajma mill-intimati Ministeru tas-Saħħa u Direttur-Ġenerali dwar jekk humiex il-kontradittturi leġittimi tat-talba tar-rikorrent għaliex, normalment, fi proċedura bħal din, il-Qorti ma tistħarriġx "eċċezzjonijiet preliminari" li l-parti intimata tqajjem biex iżżomm l-istħarriġ li jmissha tagħmel il-Qorti biex tara jekk għandhiex jew le tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[18];

[17] Art. 873(3) tal-Kap 12
[18] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)

Tqis ukoll li t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat tirrigwarda t-tnedija ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet għall-mili tal-kariga, u ma hijiex u ma tistax tirrigwarda s-siwi tat-tħassir tal-ewwel sejħa, għaliex talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tistax tintlaqa' biex iżżomm milli jsiru ħwejjeġ li jkunu saru qabel ma titressaq it-talba[19];

Tqis li l-<u>jedd mad-daqqa ta' għajn</u> li r-rikorrent isejjes fuqu t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak li t-tħassir tas-sejħa sar bi ksur tal-liġi u, fi kliem id-difensur tiegħu, li l-proċess tas-sejħa għandu jitkompla u jitmexxa kif imiss b'ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali. Ma' dan iżid jgħid li joħroġ mad-daqqa t'għajn il-fatt li s-sejħa tħassret bi ksur tal-liġi u li s-sejħa l-ġdida se toħroġ taħt l-istess kundizzjonijiet, liema ċirkostanza r-regolamenti nfushom ma jridux li ssir għaliex jgħidu li s-sejħa l-ġdida trid tkun "riveduta b'dak il-mod u b'dawk l-emendi li l-Kummissjoni tista' tordna"[20];

Tqis, fl-ewwel lok, li safejn il-jedd li r-rikorrent jixtieq iħares huwa dak li l-proċess tas-sejħa jitkompla u jitmexxa 'l quddiem kif imiss u skond il-liġi, dan mad-daqqa t'għajn huwa xewqa leġittima imma, ladarba s-sejħa tħassret, ma ssarrafx f'jedd mad-daqqa t'għajn għall-għanijiet tat-talba magħmula għall-ħruġ tal-Mandat. Għar-raġunijiet li ssemmew qabel, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' ssejjes talba għall-ħruġ tal-Mandat dwar ħaġa li tkun twettqet qabel ma titressaq talba għall-ħruġ tiegħu;

Tqis, fit-tieni lok u b'żieda ma' dak li għadu kemm ingħad, li dawn il-proċeduri m'humiex is-sede xierqa fejn il-Qorti tagħti ġudizzju dwar jekk it-tħassir tas-sejħa kienx tajjeb jew bi ksur tal-liġi – dik il-kwistjoni hija ħaġa li trid taraha qorti li quddiemha titqajjem f'kawża apposta fil-mertu, jekk ikun il-każ;

Tqis, fit-tielet lok, li lanqas ma joħroġ mill-atti (lil hinn minn sottomissjoni magħmula mill-intimati[21] li mhix maħlufa) li s-sejħa l-ġdida se tkun identika għas-sejħa mħassra. Il-fatt li r-rekwiżiti mitluba mill-kandidati se jibqgħu l-istess (minħabba li din hija ħaġa li dwarha jkun irid isir qbil mal-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta fid-dawl tal-ftehim industrijali settorjali fis-seħħ) ma jfissirx li s-sejħa se tkun identika f'kollox. Il-kwalifiki għall-eliġibilità mitluba huma biss waħda minn bosta taqsimiet li jagħmlu s-sejħa, u wieħed mis-suġġerimenti magħmula mill-FFB li wassluh biex jirrakkomanda t-tħassir tas-sejħa oriġinali kienet sewwasew ir-reviżjoni tal-kundizzjoni dwar it-tul tal-ħatra u taħt liema kundizzjonijiet imissha tiġġedded[22] u x'jiġri mill-inkombent meta jagħlaq iż-żmien tal-ħatra[23];

[19] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***
[20] Reg. 10(1)(b) tal-L.S. Kost. 0.5
[21] Ara §3(n) tar-Risposta f'paġ. 44 tal-atti
[22] Kundizzjoni 2.7 tas-sejħa (ara paġ. 5 tal-atti)
[23] Kundizzjoni 2.6 tas-sejħa

Tqis, fuq kollox, li t-tfittxija tal-jedd mad-daqqa t'għajn trid issir b'mod pożittiv fl-identifikazzjoni ta' jedd li l-parti rikorrenti tista' tinvoka b'azzjoni u li tista' tinforza kontra l-parti intimata, u mhux sempliċement billi tressaq 'il quddiem il-konsegwenzi negativi li jistgħu jinħalqu li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax;

Tqis għalhekk li r-rikorrent ma seħħlux juri li għandu jedd mad-daqqa t'għajn x'iħares bil-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub;

Tqis li, kif ingħad qabel, ladarba l-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak mitlub mir-rikorrent huma kumulattivi u mhux alternattivi, il-Qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tistħarreġ ukoll jekk il-ħruġ tal-mandat huwiex meħtieġ jew, jekk meħtieġ, jekk huwiex miżura proporzjonali bi tqabbil mal-ħsara li l-intimati jġarrbu li kieku t-talba għall-ħruġ tal-mandat kellha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tħassar** ***contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-8 ta' Awwissu, 2023, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju;

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, it-22 ta' Settembru, 2023.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**